## 16 ta' Novembru 1965

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri, LL.D.**

Dr Giuseppe Mifsud Bonnici noe

*versus*

Dr Hugh Mckibbin

**Separazzjoni Personali — Adulterju — Provi — Alimenti**

*Il-fatt li bejn il-miżżewġin ġa ġiet mogħtija sentenza ta' separazzjoni personali kontra wieħed mill-konjugi ma hux ta' ostakolu illi l-konjugi dikjarat ħati f'dik is-sentenza jitlob is-separazzjoni tiegħu kontra l-konjugi l-ieħor għall-ħtijiet ta' dana fuq fatti li ġraw wara s-sentenza.*

*Biex raġel mifrud minn martu ikun esentat mill-obbligu tal-ħlas tal-alimenti jrid qabel jagħmel b'suċċess kawża ta' separazzjoni personali fuq kawżali ta' adulterju li kienet eskluża fil-motivi ta' separazzjoni u issopraveniet wara.*

Il-Qorti, rat id-deċiżjoni tagħha tal-10 ta' Novembru, 1965, fejn hemm riportati d-domandi attriċi u n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u li biha din il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, dwar in-nullità tan-Notifika taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Li waqt it-trattazzjoni ulterjuri tal-kawża qamet il-kwistjoni jekk il-konvenut, in vista tal-kuntratt hux intitolat jagħmel il-provi tal-adulterju tal-attriċi f'dina l-kawża, biex iwaqqaf l-obbligu li jħallsilha l-alimenti.

Ikkunsidrat:

Li l-kontendenti jinsabu separati bonarjament skond kuntratt riċevut minn Nutar Dr John Micallef Trigona fis-26 ta' Ottubru 1963.

Li fost kondizzjonijiet oħra ġew stipulati bejn il-kontendenti l-pattijiet:

a) li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi martu pensjoni alimentari korrispondenti għal tlieta u tletin fil-mija (33%) tal-proventi tiegħu, u lill-istess attriċi għall-uliedu minuri Sean u Lesley il-pensjoni alimentari korrispondenti għal tnejn u għoxrin fil-mija (22%) tal-proventi tiegħu, iġifieri ħdax fil-mija (11%) għal kull wieħed minn uliedu.

b) li l-imsemmija pensjoni alimentarja tal-attriċi kellha tieqaf jekk tikkommetti adulterju.

Ikkunsidrat:

Li, mill-istess kuntratt tas-separazzjoni ma jirriżultax li saret xi imputazzjoni speċifika lill-attriċi, li kienet tintitola lill-konvenut jottjeni s-separazzjoni personali minnha, biss ġie dikjarat bil-formalità solita: "Whereas the conjugal life between the appearers is no longer possible for reasons, which according to law are a good cause for separation". Dana jimplika li fil-mument tas-separazzjoni l-konvenut ma kienx qiegħed jippretendi li martu kienet adultera, għaliex, altrimenti, ma kienx jistipula fil-kuntratt il-klawsola tad-dekaden-

za ta' martu mill-alimenti fil-każ li dina tikkommetti adulterju.

Li għalhekk, għandu jiġi raġunevolment eskluż il-motiv tal-adulterju tal-attriċi fil-mument li saret is-separazzjoni konsenswali bejn il-kontendenti.

Li meta s-separazzjoni konsenswali ssir kif trid il-liġi (Art. 71 Kod. Ċiv.) il-kuntratt għandu l-istess effikaċja tassentenza u għalhekk il-parti li tħossha suċċessivament offiża hi ħtija sopravvenuta tal-konjugi l-ieħor ma tistax tadduċi dik il-ħtija biex timmodifika l-effetti tas-separazzjoni oriġinali li tkun ġiet dikjarata għal kawsalijiet oħra.

Li fil-każ preżenti il-konvenut qiegħed jippretendi li għandu jagħmel il-provi f'dina l-kawża dwar l-allegat adulterju ta' martu biex iwaqqaf l-obbligu tal-alimenti stipulati fil-kuntratt tas-separazzjoni.

Ikkunsidrat:

Li, qabel xejn, għandu jiġi rilevat, li l-konvenut jinsab obbligat jagħti l-alimenti lil martu mhux biss bis-saħħa tal-klawsola espressa fil-kuntratt tas-separazzjoni, iżda *in forza* tal-liġi, billi dawna l-obbligu jitwieled miż-żwieġ.

Li għalhekk biex il-konvenut ikun jista' jwaqqaf dana l-obbligu għandu jipprova b'suċċess kawżali oħra, li fil-każ hija l-adulterju; liema prova ma jidhirx li tista' tkun ammessa f'dina l-kawża, imma f'kawża oħra ta' separazzjoni, fejn tiġi dedotta l-kawżali sopraġġunta għal firda oriġinali fi bħala motiv ta' dekadenza tal-mara mid-dritt tagħha għall-alimenti naxxenti mill-liġi.

Ikkunsidrat:

Li tant fid-dottrina ġuridika kif fil-ġurisprudenza nostrali nsibu affermat il-prinċipju li l-fatt li bejn il-miżżewġin ġa ġiet mogħtija sentenza ta' separazzjoni personali (fil-każ preżenti kuntratt ta' separazzjoni) kontra wieħed mill-konjugi ma hux ta' ostakolu illi l-konjugi dikjarat ħati f'dik is-sentenza jitlob is-separazzjoni tiegħu kontra l-konjugi l-ieħor għal ħtijiet ta' dana fuq fatti li ġraw wara s-sentenza. Jgħid a propositu l-Professur Umberto Azzolina: "E' evidente che tali diritti non sono confermati dal precedente accertamento di colpa e che la violazione dei *medesimi, commessa* dal coniuge già incolpevole, tocca non solo il rapporto generico da persona a persona, ma anche quello particolare da coniuge a coniuge, e può dar luogo — oltre ad eventuali sanzioni specifiche — anche alla nuova pronuncia di separazione" ("La Separazione personale dei Coniugi" — para. 92, pag. 247; ara fl-istess sens Baudy; Persone, Vol. IV para. 358, Digesto Italiano, Separazione personale Dto Civ. No. 133);

Li l-Qrati tagħna *huma* tal-istess fehma, u jirravviżaw il-każ in kontestazzjoni fid-deċiżjonijiet tagħhom ċertament mhux sporadiċi. Ġie infatti ritenut li r-raġel li jkun mifrud minn martu ma jistax jippretendi d-dekadenza ta' martu middritt għall-alimenti tagħha kontra tiegħu mingħajr ma jagħmel qabel kawża ta' separazzjoni personali fuq kawżali ta' adulterju, li kienet eskluża fil-motivi ta' separazzjoni u s-soppravveniet wara (Kollez. XXIX, ii, 603, XXXVI, ii, 470, XXXVIII, ii, 461, 466).

Li, fl-aħħarnett, għandu jiġi rilevat, kif ġa kellha okkażjoni tgħid dina l-Qorti fis-sentenza preċedenti, li l-kontestazzjoni tal-konvenut ma tidhirx serja u leali għaliex, b'mod speċjali f'dana l-każ, qatt *ma* messha ġiet sollevata eċċezzjoni simili, kuntrarja għal ġurisprudenza reċenti ormai radikata u magħrufa tal-Qrati tagħna. Dawna l-ostakoli biex ngħiduhom hekk improprjament proċedurali, qegħdin jiġu sollevati,

*ħalli l-konvenut* iġebbed kemm jista' jkun iż-żmien tal-*inadempjenza* tiegħu f'wieħed mill-aqwa obbligi ta' natura *quotidiana* u urġenti li jinkombu lir-raġel lejn martu u uliedu *minuri*, il-prestazzjoni tal-alimenti.

Għal dawna l-motivi:

Tiddikjara li l-konvenut ma jistax ikun ammess f'dina l-kawża jġib il-provi dwar l-allegat adulterju ta' martu u konsegwentement tiċħad it-talba relativa. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.